TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

GCT/301/12/S

Maria Bondin
Vs
Charles Cutajar ezercenti l-kummerc bhala Telefonika

Illum 11 t'April,2013.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Maria Bondin ipprezentat fit-28 ta'Novembru,2012 u r-risposta ta' Charles Cutajar ezercenti l-kummerc bhala Telefonika ipprezentata fl-24 ta'Jannar,2013;

Ra d-dokumenti pprezentati inkluz ir-rapport ta' Frans Bajada, sema' lill-partijiet u xhieda taghhom kif ukoll it-trattazzjoni taghhom maghmula fit-8 ta'Frar,2013;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda 'tablet' li ma kinitx tahdem kif suppost u dan l-ilment tar-rikorrenti baqa' jezisti fit-tieni 'tablet' wara li l-ewwel 'tablet' giet mibdula;

Illi t-talba tar-rikorrenti hija msejsa fuq l-artikolu 73 tal-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta u r-rimedju mitlub hu dak li johrog mill-artikolu 76 tal-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta;

Illi jidher li t-talba ghar-rexxissjoni tal-kuntratt ta'bejgh saret mal-ewwel mir-rikorrenti u baqghet tinsisti fuqha wara li t-tieni 'tablet' ukoll ma hadmitx;

Illi oggett gdid m'ghandux jaghti problemi anki fl-ewwel jiem mix-xiri tieghu;

Illi skont il-provi imressqa, jidher li din it-'tablet' ma hadmitx kif suppost;

Illi wara li t-Tribunal ezamina l-atti kollha, jirrizulta li l-prova ta' nuqqas ta' konformita saret daparti tar-rikorrenti u dan fil-konfront taz-zewg 'tablets';

Illi t-talba ghal kumpens daparti ta'Maria Bondin mhijiex gustifikata u fi kwalunkwe kaz ma gietx pruvata u ghalhekk it-talba ghall-kumpens dwar l-'internet' mhux qed tigi accettata;

TRIBUNAL GĦAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq spjegati u fiċ-ċirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeċiedi billi Jilqa' t-talba ta' Maria Bondin u Jiċħad l-eċċezzjonijiet ta' Charles Cutajar eżerċenti l-kummerċ bħala Telefonika b'dan li Charles Cutajar għandu jħallas lura s-somma ta' €270 lil Maria Bondin meta din tal-aħħar trodd lura t-'tablet' u ċ-'charger' mixtrija, b'kull parti tħallas l-ispejjeż rispettivi ta' dawn il-proċeduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888